MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 502/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**Jeffrey Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija u tliet ewro u erba’ ewro centezmi (€703.04) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond *Client Contract Number* 652429 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Lulju, 2007 u Dicembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta tieghu ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta’ Settembru, 2009 minn Maria Theresa Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------